# META LTQAJT MA' MARIE LOUISE COLEIRO: ĠURNALIŻMU, ATTIVIŻMU U FEMMINIŻMU F'MALTA TA' ŻGĦOŻITNA.

CARMEN SAMMUT

F'Malta, bħal f'bosta pajjiżi oħra fir-reġjun tagħna, l-ġurnaliżmu u l-partiti politiċi joperaw f'kuntest politiku polarizzat iżda pluralista[1]. Nisthajjilhom l-imniffsejn li jimlew il-pulmun bl-ossiġnu; kultant naħa taħdem għall-rasha mill-oħra, biex imantnu l-ħajja demokratika. Fis-snin tmenin, għoxrin sena biss wara l-Indipendenza, il-proċessi ta' demokratizzazzjoni kienu għadhom se jibdew jimmaturaw. F'dak il-perjodu post-kolonjali, Malta kien għadha qed tieqaf fuq saqajha u tagħżel il-prijoritajiet tagħha u dak iż-żmien, l-isfidi u t-taqtigħat interni kienu kbar. Kien fl-ambitu tal-ġurnaliżmu politiku li ltqajt ma' Marie Louise Coleiro fil-bidu tas-snin tmenin, meta jien kont qed naspira li mmidd riġlejja fil-ġurnaliżmu u hi kienet bdiet tagħmel isem fil-politika.

Fis-sena 1982 jien kelli sittax –il sena u kont studenta, jew kif kienu jafuna dak iż-żmien, "apprentist-skular" fil-Liċeo l-Ġdid ta' l-Imsida. It-traġitt tagħna kien minqux fil-Liġi ta' l-Edukazzjoni: sitt xhur studju u sitt xhur xogħol[2]. Kemm is-suġġetti li għażilt, l-Ingliż, it-Taljan u l-ekonomija, kif ukoll dik li kellha tkun l-ewwel esperjenza tiegħi ta' xogħol, kienu mnebbħa mill-ambizzjoni li kienet ħakmitni sa minn ċkuniti. Kont deċiża li s-sejħa ta' ħajti kienet il-ġurnaliżmu.

Il-xewqa għal din il-karriera nibtet meta kont l-iskola sekondarja tal-Mellieħa, waqt waħda minn dawk il-lezzjonijiet tal-qari li kienu jħalluhom għal wara nofsinhar. Dak inhar issaħħart wara rapportaġġ ġurnalistiku mill-aktar mirqum, stampat fi ktieb qadim u musfar li aktarx kien jaf l-era kolonjali. Il-ġurnalist ħadni lura lejn il-jum storiku meta l-ewwel żewġt irġiel kien irnexxilhom jixxabbtu b'mod mill-aktar avventuruż mal-muntanja Everest. Qanqlitni tant dik il-kitba li ħaditni bogħod mill-monotonija tal-klassi lejn il-Himalayas[3]. Donnu rajt passaġġ ċar u dlonk xxennaqt interrqu.

---

[1] Sammut, C. 2007, *Media and Maltese Society*, Lexington Press, Lanham, USA.

[2] P. Attard & A. Buhagiar (1996) *Secondary Education in Malta*. Strasbourg: Council of Europe Press.

[3] Fl-1953 l-iscoop ġurnalistika dwar ix-xabbaturi ta' Everest kienet tal-ġurnalist James Morris tat-*Times* ta' Londra. Morris għex nofs ħajtu bħala raġel, iżda meta mmatura ddeċieda li jibdel is-sess. Fl-1973 sar minn James sar Jan Morris. ( Derek Johns, 2016, "Jan Morris at 90: She has shown us the world", *The Guardian*, 2 t'Ottubru. Online: https://www.theguardian.com/books/2016/oct/02/jan-morris-life-in-motion

Iżda meta sirt apprentist-skular inbaħt mal-ewwel li biex nasal kelli nixxabbat jien ukoll ma'muntanja iebsa. Sibt li n-nisa fil-ġurnalizmu kont tgħoddhom fuq is-swaba t'id waħda għaliex, kif stqarr miegħi editur 'tagħmel snin tħarriġ mara u mbagħad meta ssir ġurnalista tajba titlifha għax tiżżewweġ jew twelled it-tfal u jkollha tieqaf". Barra minhekk, it-taħriġ professjonali f'Malta kien kważi ineżistenti u l-opportunitajiet ta' xogħol f'dan il-qasam kienu rari ħafna.

B'qalbi mimlija tama kont bdejt kors fil-ġurnaliżmu bil-korrispondenza ma' kulleġġ Ingliz, li swieni dak kollu li kont se naqla matul l-apprentistat. Wiċċi kien xegħel meta fil-lista tal-possibiltajiet ta' xogħol li tawna l-iskola kien hemm il-Union Press, l-istamperija tal-General Workers' Union. Jien kont tifla minn familja umli; missieri jaħdem fil-ġebel u ommi, għalkemm qatt ma ħadmet man-nies, kienet dejjem għaddejja fl-għelieqi. Kontra l-parir tagħhom, flok applikajt biex naħdem fil-fergħa ta' xi bank jew azjenda parastatali, inkella f'impieġ 'komdu' mal-gvern, għażilt l-istamperija biex nikseb l-esperjenza. Għalija din dehret għażla naturali.

Wasal żmien il-fażi tax-xogħol u ħadt ħasda kbira. "Ma rridx tfajliet jiġru barra u jaħdmu x-xift ta' bil-lejl," qalli r-ras ta'fuq nett, meta tfaċċajt għall-ewwel jum tax-xogħol tiegħi. Qalbi ngħafset tant li ħassejtni qed immut minn ġewwa. Tefgħuni f'dak li kien magħruf bħala il-'cash office' tal-union, fejn kienu jinġabru l-miżati tal-membri. L-ewwel impenn li tawni kien li nikteb l-indirizzi fuq l-envelops tal-korrispondenza mat-tesserati. Xi drabi, ħtija ta' kalligrafija nofs kedda, l-kitba demotivata kienet tant imħanzra li l-ittri ma kienux jaslu. Spiss kont naqla xi ċamata. Illum inħares lura lejn din il-fazi b'mod pożittiv għax ġabitni wiċċ imb'wiċċ mar-realta tas-soċjeta' li kont ngħix fiha. Iżda dak iż-żmien tqanqlet fija qilla tremenda. L-iskoll li ħbatt miegħu seta' kissirni, izda minflok isaħħaħt bil-pariri siewja u l-appoġġ t'individwi aktar maturi minni.

Kien f'dan il-punt f'ħajti li ltqajt ma' Marie Louise Coleiro. Fil-ħin tal-break ta' nofsinhar tagħha Marie Louise kienet tħobb tasal wasla sal-canteen tal-union. Kien hemmhekk li bdejna nitkellmu. Niftakarha żagħżugħa ftit akbar minni fl-eta. Kellha 24 sena, intelliġenti u mimlija entużjażmu, gustuża fid-dehra u ħelwa ma' kulħadd fl-imġieba. Kont smajt li kienet diġa bdiet tiela' l-iskaluni fit-tmexxija tal-Partit Laburista. Bħala Assistent Segretarju Ġenerali kien bdiet battibekk fis-*Sunday Times* (11 ta' Lulju 1982)

---

mal-istoriku Henry Frendo fejn saħqet li l-għarfien tal-istorja ma' għandux jibqa' dominju tat-Torri tal-Avorju u argumentat li l-istorja politika u soċjali jeħtieġ tmurr lil hinn minn perspettivi ortodossi. F'dak iż-żmien il-Partit Laburista kien għadu kemm nieda d-dar tal-pubblikazzjoni tiegħu *Sensiela Kotba Soċjalisti*. Ftit xhur wara hija laħqet Segretarju Ġenerali tal-Partit Laburista.

Jien dak iż-żmien ma kellix idea kemm dan kien avvanz kbir u diffiċli għaliha. La kienet ġejja minn familja politika b'kunjom magħruf, u lanqas kienet miżżewwġa xi politiku prominenti; allura ma sabitx is-sodda mifruxa, kif ġieli jiġri fil-każ ta' nisa prominenti fid-dinja[4]. Lanqas kienet ġejja minn familja għanja u privileġġjata u allura ma kelliex networks importanti li mbuttawha minn tfulitha. Fil-fatt hija telgħet tarġa tarġa. Fuq kollox daħlet fil-politika meta l-isfera pubblika kienet meqjusa bħala kamp maskili, fejn it-tattiċi użati kienu goffi u brutali, fejn l-isrategiji tal-partiti kienu macho u dawn donnhom kienu dejjem fi stat ta' gwerra.

Fiż-żmien li ltqajna, r-rwol tan-nisa fl-istrutturi tal-partiti kien għadu limitat l-aktar għas-sezzjonijiet tan-nisa. Fil-kaz tal-Labour kien hemm l-*Għaqda Nisa Soċjalisti* li kienet titmexxa mis-sinjura Maggie Moran, mart il-Ministru tas-Saħħa. Kienet għaqda maħsuba li tixxpruna l-attivismu femminili mill-għeruq u l-Partit Laburista kellu ħafna nisa msieħba fih permezz ta' din l-għaqda. Is-sezzjonijiet tal-Partiti dak iż-żmien kienu effettivi ħafna fil-ġbir tal-fondi[5]. Iżda l-Għaqda tan-Nisa Soċjalisti kienet toħroġ ukoll b'ideat mill-aktar riformisti. Per eżempju, fl-1982 kienu n-Nisa Soċjalisti li flimkien mal-fergħa taż-żgħażagħ ressqu mozzjoni favur l-introduzzjoni tad-divorzju[6] u kien Mintoff li mewwet it-talba għaliex ħass li ma kienx iż-żmien propizju. Id-direzzjoni politika kienet f'idejn l-irġiel.

Bħal xi politiċi nisa oħra fid-dinja, ż-żagħżugħa Marie Louise Coleiro ppenetrat il-livelli tat-tmexxija politika fi żminijiet diffiċli ferm, meta kien hemm vakuum u allura ftit

---

[4] Baer, D.L. & Hartmann, H.I. (2014) *Building Women's Political Careers: Strengthening the Pipeline to Higher Office*. Washington: Institute for Women's Policy Research.

[5] Sammut, C. (2013), "Gender and political engagement: Assessing the role of the media in the Maltese Islands." in Women and Knowledge in the Mediterranean., ed. F. Sadiqi, Routledge, UK, USA, Canada, pp. 211-231.

[6] Sapiano, E. (2011) *Mintoff and Divorce*, Ittra lill-Editur, *The Malta Independent* (April 21) Online http://www.independent.com.mt/articles/2011-04-21/newspaper-letters/Mintoff-And-divorce-291079 [Misjub April 3, 2018].

oħrajn kellhom kuraġġ jidħlu għall-isfidi kbar li kien hemm. Dan kien perjodu transitorju iebes għall-Partit u gvern Laburista. Kien żmien ta' kriżi politika u ekonomika fil-pajjiż.

Hija ħadet il-pozizzjoni ta' Segretarju Ġenerali f'perjodu li Malta kienet inħakmet minn firda politika tal-biżgħa, fejn naħa kienet ixxajtan lill-oħra meta l-ħtija kienet ta' elementi fuq iż-żewġ naħat. Fisser tajjeb Peter Serracino Inglott li l-kurrenti tal-mibgħeda kienu qed jifirdu lis-soċjeta Maltija f'zewġ kampi opposti iżda l-poplu kollu kien fil-fatt magħqud iġarrab l-esperjenza komuni tal-polarizzazjoni[7]. Din l-esperjenza ta' firda kienet tinħass minn qabel l-Indipendenza u baqgħet karatteristika sal-lum, għalkemm bdiet tbatti xi ftit mal-mogħdija taż-żmien.

It-tmeninijiet kienu żmien l-irjus sħan, uħud bla kontroll. Xi snin qabel, ftit wara l-Milied tal-1977, twettaq il-qtil politiku tat-tfajla innoċenti Karen Grech, b'rabta mal-istrajk tat-tobba, qtil li baqa ma ġie solvut qatt[8]. Oħrajn, ukoll politikament motivati, f'Ottubru 1979 kienu ħarqu l-bini tat-*Times*[9] iżda ħadd minnhom qatt ma tressaq il-qorti b'akkużi.

Il-Partit Nazzjonalista kellu lil Avukat Eddie Fenech Adami bħala Kap ġdid u dan, flimkien ma' tim ġdid, beda jittrasforma lill-partit u jdakkru b' ideat Demokristjani. Hareġ bi proposti elettorali li kellhom jappellaw għall-ħaddiema u l-klassi tan-nofs il-ġdida li tradizzjonalment kienu jappoġġjaw lill-Partit Laburista. Sat-tmenijiet, ulied il-ħaddiema li kienu avvanzaw, bdew iħaddnu perspettivi liberali imdakkra minn aspirazzjonijiet konsumeristi[10]. Il-Partit Nazzjonalista irnexxilu jiġbidhom lejh.

Marie Louise daħlet fir-rwol ewlieni fil-Partit Laburista wara l-elezzjoni kontroversjali tal-1981, fejn l-Partit Nazzjonalista ġab 50.9% tal-voti izda anqas siġġijiet parlamentari u sa dakinhar il-Kostituzzjoni kien għad ma ħasbitx għal din il-possibilta'. Il-bojkott Nazzjonalista tal-Parlament wassal għal kriżi u t-tensjoni żdiedet meta ġie

---

[7] Serracino Inglott, P. (1988) *Was Malta a Nation in 1964?* In British Colonial experience 1800-1964. (V. Mallia Milanese Ed.). Malta: Mireva.

[8] Calleja, Claudia (2011). *The bomber who killed Karin Grech 'was a loner'*. Times of Malta. December 30th.

[9] No Author (2009) Unfaded memories of Black Monday, *Times of Malta*, 11 t'Ottubru, Online: https://www.timesofmalta.com/articles/view/20091011/local/unfaded-memories-of-black-monday.277047. Misjub 9th April 2018.

[10] Sultana, R. G. (1994) "Towards a Sociology of Consumption", *Maltese Society: A Sociological Inquiry*. (Eds. Sultana, R.G. and Baldacchino, G. Malta: Mireva Publications, pp 225-229.

dikjarat il-bojkott ta’ Xandir Malta (minħabba akkużi ta’ żbilanċ) u b’hekk il-Partit Nazzjonalista beda trasmissjonijiet minn Sqallija. Kien ukoll iż-żmien ta’ spluzzjonijiet misterjuzi li bqajna qatt ma sirna nafu min kien ħati tagħhom iżda li żiedu l-biżgħa bil-kbir. Saret ħafna ħsara lir-reputazzjoni ta’ Malta barra xtutna b’impatt negattiv li ma kienx biss politiku iżda anke ekonomiku.

Biex tgħaqad l-inkwiet għall-gvern Laburista ħabat ma’ żminijiet ta’riċessjoni internazzjonali kkawzata fost affarijiet oħra mill-prezzijiet taż-żejt li kienu qiegħdin jogħlew. Kienet ukoll era ta’ tensjoni internazzjonali mnebbħa mit-tellieqa għall-armi bejn is-superpotenzi, tant li fl-1983 l-Amerika u l-Unjoni Sovjetika kienu f’xifer ta’ gwerra nuklejari. Il-mexxej Sovjetiku Mikhail Gorbachev kien stqarr: “Qatt qabel fil-perjodu ta’ wara t-Tieni Gwerra Dinjija ma rajna sitwazzjoni daqstant splussiva, difficli u perikoluza daqs l-ewwel snin tat-tmenijiet”[11].

Kien ukoll iż-żmien meta l-attakki terroristiċi fil-pajjiżi ta’ madwarna kienu spissi u jnaffru lit-turisti[12]. It-turizmu kienet industrija ewlenija u sors ta’qliegħ barrani wara l-1979 meta kienu għalqu l-bażijiet militari Ingliżi. L-impiegi kienu skarsi u kulħadd kien jittama li jsib ħajt ta’ kenn b’xogħol mal-gvern jew xi kumpanija parastatali, fejn iċ-ċavetta kienet f’idejn il-Ministri u ta’madwarhom. Mhux ta’ b’xejn li wħud minnhom ħassewhom donnhom kienu laħqu allat żgħar. Barra dan kollu, waqt li l-istrajk tat-tobba kien ilu għaddej sa mill-1977, diġa kien beda jberraq mal-iskejjel tal-Knisja u mal-union tal-għalliema[13].

---

[11] Ikkwotat minn Fischer, B. B. *The 1983 War Scare in US-Soviet Relations*, National Security Archive, Online https://web.archive.org/web/20150328151950/http://nsarchive.gwu.edu/NSAEBB/NSAEBB426/docs/3.The%201983%20War%20Scare%20in%20U.S.%20Soviet%20Relations-circa%201996.pdf Misjub 4 April 2018.

[12] Dak iż-żmien it-tensjoni fic-centru tal-Mediterran kien mill-aktar taħraq. Fit-25 ta’ Settembru 1982 il-gvern Malti kien irrifjuta l-permess biex ajruplan tal-Alitalia, li inħataf fi triqtu bejn Alġiers u Ruma, jitniżżel f’Malta (Ara “Ha dirottato il «Boeing» perché espulso da Algeri?” *Stampa Sera*, 27 Settembru 1982). Kien hemm sensiela ta’ attakki terroristiċi bil-bombi jew sparaturi fuq in-nies li ħallew bosta persuni mejta u ħolqu tensjoni kbira li beżżgħet lin-nies mis-safar, fosthom attakki mill-Privisional Irish Republian Army, mill-grupp estremista Palestinjan ta’ Abu Nidal u mill-grupp separatista Bask l-ETA. Barra minhekk il-President Amerikan Ronald Reagen kien kontinwament fi gwerra ta’ kliem mal-mexxej Libjan Muammar Gaddafi. Il-qgħada marret għall-agħar wara l-htif tal-ajruplan tal-Egypt Air b’passiġġieri Amerikani fuqu, li tniżżel u ġie splodut f’ Malta (Novembru 1985), l-attakki minn estremisti Għarab fl-ajruporti ta’ Ruma u Vjenna (Dicembru 1985), bl-attakk Amerikan fil-Libja (April 1986) u t-twaqqiegh ta’ ajruplan tal-Pan Am fuq Lockerbie fl-Iskoza (Dicembru 1988) li wara kien wassal ghal sanzjonijiet internazzjonali kontra l-Libja (1992).

[13] Fl-1983 ħarget White Paper fejn gvern Laburista kien qed jippjana li jiehu f’idejh it-titli ta’ artijiet tal-Kurja biex id-dhul mill-bejgh jew kiri taghhom imurr ghall-iskejjel. Ara: Fenech, G. (2010), “Jew B’Xejn, jew Xejn”.

F'dan il-baħar ta' nkwiet, wara għexieren ta' snin fit-tmun, il-mexxej Laburista Duminku Mintoff ħabbar li kien bi ħsiebu jgħalaq is-separju. Ħafna partitarji Laburisti bdew iħossuhom iltiema. Biex jipprova jevita taqbida interna ħarxa fil-partit bejn id-dinosawri li kienu laħqu rabbew ħafna saħħa, huwa ippropona lill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici l-ewwel bħala deputat mexxej u mbagħad bħala "designate leader", raġel twajjeb li ma kienx maqtugħ biex jidhol fiż-żarbun ta' Mintoff, iżda li accetta l-piż tar-responsabbilta' għax kien imbuttat. Lil bosta mill-Ministri stabbiliti mimlija arja u ambizzjoni, Karmenu Mifsud Bonnici ma daqqilhomx. Għas-Segretarju Ġenerali l-ġdida tal-Partit Laburista din kienet tassew magħmudija tan-nar.

Kien ukoll żmien fejn il-makna tal-Partit Laburista kienet inadekwata. Il-partit ma' kienx għad kellu imqar il-ġurnal tiegħu u kien jikkommunika l-aktar bil-mass meetings u xibka tal-każini ma' Malta u Għawdex kollha[14]. Il-kwartieri Laburisti kienu bbażati f'binja storika magħrufa bħala l-Maċina, fix-Xatt ta' l-Isla, mnejn fi żmien il-Kavallieri kienu jittellgħu l-arbli tal-bċejjeċ tal-baħar. Kien bini mudlam u mimli umdita' mingħajr ebda servizzi għall-imsieħba. Kienu kwartieri distanti, jekk mhux inaċċessibbli, għan-nies tat-tramuntana ta' Malta u t'Għawdex, li f'dik l-era kienu fortizza politika mill-aktar qawwija tal-Partit Nazzjonalista.

Biex Marie Louise Coleiro daħlet għal din il-kariga f'dan il-perjodu ċertament li kellha stonku b'saħħtu u deher mal-ewwel li fil-politika ma kienetx sempliċiment għasfur tal-passa.

Id-defiċjenzi organizzattivi li kellu l-Partit Laburista kienet tagħmel tajjeb għalihom il-General Workers' Union. Irridu niftakru li dak iż-żmien il-union u l-partit, li kien qed jiggverna, kienu jgħidu li huma 'miżżewwġin'. Sa mit-twaqqif tagħha fl-1943, bis-saħħa ta' personaġġi importanti bħal Reggie Miller u John Attard Kingswell, il-union bniet sisien strutturali sodi li kienu jinkludu stamperija u ġurnali mainstream b'cirkolazzjoni b'saħħitha[15]. Minkejja li Attard Kingwell kien spiċċa mill-union wara li kisirha ma' Mintoff

*Maltatoday*, (April, 25) A 12-13. http://archive.maltatoday.com.mt/2010/04/25/pix/feature.pdf 3 April 2018..

[14] Għal rendikont dwar kif il-Partit Laburista kien spiċċa mingħajr pubblikazzjonijiet tiegħu ara Sammut, C. 2013, "Mintoff, l-Istampa u x-Xandir" in *Duminku Mintoff: Bejn Storja u Miti*. ed. S. Grech, Horizons, Malta, pp. 159-192.

[15] Sammut, C. 2009, "Partisan Media in Malta", F'*Media in Malta*. , eds. J. Borg, M.A. Lauri & A. Hillman, Progress Press, Malta.

snin qabel il-famuza 'għaqda statutorja u t-twelid ta' dak li beda jissajjaħ "Moviment tal-Ħaddiema", minn taħt l-ilsien l-impjegati tal-union kienu għadhom ilissnu kliem ta' tifħir u juruh rispett xieraq.

Il-General Workers' Union kien ilha topera mill-Workers' Memorial Building mindu dan il-bini ttella fis-snin ħamsin fil-qalba tal-Belt Valletta. Fiż-żmien li kont naħdem hemm bħala apprentist-skular, il-ħajja fil-kwartieri tal-union kienet mimlija attivita': delegati, shopstewards u kolletturi deħlin u ħerġin, laqgħat storbjuzi għaddejjin il-ħin kollu; stamperija mill-aktar moderna taħt l-art, kumpanija tal-ivjaġġar, oħra tal-assikurazzjoni u oħra tar-reklami; kamra tal-aħbarijiet kbira li kienet tipproduċi ġurnali bil-Malti u l-Ingliż. Kien hemm ukoll bosta voluntiera, inklużi kittieba, li jkunu jiltaqgħu l-union jiddiskutu u jargumentaw madwar mejda u tazza te.

Jien ma domtx ma sirt midħla ta' wħud minnhom. Intbaħt li fost dawk li kienu jaħdmu bil-qalb fuq in-naħa tax-xellug, kien hemm ukoll nies kritiċi għal dak li kien qiegħed iseħħ fil-pajjiz. Minkejja li kien perjodu politikament iebes, fil-Union Press dawn xorta kienu jsibu żvog għall-espressjoni tagħhom b'kitbiet li kienu jidhru fil-ġurnali, l-aktar f' *It-Torċa* fejn konna nsibu ħajt ta' kenn imma sfida intellettwali sinifikanti mill-figura ta' Ċalie Miceli li fil-bidu tas-snin tmenin kien għadu jahdem fit-team editorjali tal-ġurnal ta' nhar ta' Ħadd. Insemmi b'mod partikolari r-rivista msejjħa *Il-Hsieb,* li kienet toħroġ kull xahar u li kienet saret pjattaforma kritika li damet toħroġ għal madwar għaxar snin. Kien *Il-Hsieb* li ippubblika l-ewwel artikli li qatt ktibt f'kolonna feminista imsejħa 'Id-Dinja Tagħna Wkoll'.

Inżid ngħid li sakemm sirt 'apprentist-skular', minkejja li kien għadni tifla, kont diġa fformajt ħsejjes imnebbħa mill-kitbiet ta' Simone De Beauvoir, Germaine Greer, Kate Millett u oħrajn. Kont ukoll familjari ma' kitbiet dwar nisa li kellhom sehem ewlieni fil-movimenti tax-xelluġ bħal Rosa Luxemburg u Dolores Ibárruri, magħrufa bħala 'la pasionaria'. Kont intbaħt li l-ebda bidla ma tseħħ bit-tgergir biss u mingħajr ħafna ħidma. Allura xammart il-kmiem.

Mhux ta b'xejn għalhekk li lil Marie Louise Coleiro kont issibha spiss il-union u kien hemm li ltqajt magħha l-ewwel darba. Hi diġa kellha esperjenza organizzattiva. Jien kont totalment miftuma minn dawn il-ħwejjeġ, izda kont intbaħt li biex tasal għal bidliet, żgħar kemm huma żgħar, kien hemm bżonn strateġiji u alleati. Kont inbaħt li ma kontx

waħdi vittma ta' sistema patrijarkali. Intbaħt li kwistjonijiet li jolqtu l-aktar lill-ħaddiema nisa, bħal sigħat flessibli ta' xogħol u n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' child care, dak iż-żmien ma kienux ikiddu jew jinteressaw lit-tredunjonisti rġiel.

Fil-'cash office' tal-union kelli aċċess għad-dettalji kollha tal-membri u bdejt niġbor iċ-ċifri u nanalizzahom. Sibt li terz tal-membri kienu nisa u li l-parti kbira minnhom kienu mpjegati fl-industrija tat-tessuti. Iżda dawn la kellhom viżibilta, la kienu jinstemgħu u lanqas kellhom influwenza fit-teħid tad-deċizjonijiet tredunjonistiċi.

Sibt ukoll li waqt li l-union kienet se tgħalaq 40 sena, sa dak iż-żmien lanqas kien hemm imqar mara waħda fil-Kunsill tat-tmexxija, li kien magħmul esklussivament minn militanti rġiel, l-aktar b'saħħithom fosthom ir-rappreżentanti tat-tarznari. Wara l-episodji li se nirrakkonta hawn, lħaqt jien l-ewwel mara fil-Kunsill tal-union, iżda kont waħdi u ħdejn l-istorbju li kien ikun ġej mit-taqsimiet, flimkien mal-istrateġiji formali u informali li jkun hemm f'organizzazzjonijiet kbar, jien bdejt inħoss li la kelli l-esperjenza u lanqas is-saħħa nasal fejn xtaqt.

Ma' Marie Louise bdejt nistqarr il-frustrazzjonijiet tiegħi u bdejt niddiskuti x'setgħa jsir. Kont dħalt fl-għaqda taż-żgħażagħ tal-union. Iċ-ċifri li ġbart kienu jiswew mitqlu deheb. F'dan il-punt ma kontx naċċetta t-tweġiba li kont ningħata mid-dirigenti tal-union dwar l-assenza tan-nisa. Kellhom ħabta jdoqqu l-istess diska: 'Ma nsibux nisa li lesti jidħlu għal rwoli ta' tmexxija – lanqas issibhom imqar bħala shop steward jew delegat' ... u kienu jieqfu hemm ... jdawwru d-diskors b'kuxjenza safja.

Marie Louise iggwidatni biex norganizza l-ewwel seminar ta' ħajti. It-tema kienet in-nisa fix-xogħol. F'dan iż-żmien nibtet ħbiberija oħra sinifikanti għalija ma' Pauline Miceli li kienet artikolista, xandara u attivista fi gruppi għad-drittijiet tan-nisa. Kienet hi li ħarġet b' titlu forma ta' mistoqsija 'Ix-Xogħol Żejjed jew Biżejjed?" Kienet Pauline li ħaditni magħha għall-ewwel intervista tiegħi fuq programm tar-radju. Dak iż-żmien kien għadna niddiskutu d-dritt tal-mara li jkollha xogħol jew karriera.

Dan is-seminar aktarx li kien l-ewwel okkazzjoni f'40 sena ta' storja fejn il-General Workers' Union ħarset lejn l-isfidi tan-nisa fix-xogħol. Kienu ġew bi ħġarhom l-għaqdet tan-nisa bħan-*National Council of Women* u *Min-Naħa tan-Nisa*, is-shop stewards u l-ftit delegati nisa li kien hemm dak iż-żmien. Fil-kmamar fejn saru l-workshops twaħħlu kartelluni b'karikaturi niggieża maħsuba biex jiskattaw diskussjoni. Dawn tpinġew b'ħila

minn John Baldacchino, illum professur li jgħix fl-Istati Uniti, li dak iż-żmien kien jagħmel xogħol ta' disinn, karikaturi u ħafna kitba f'*Il-Hsieb*. Wieħed mill-workshops ittratta l-edukazzjoni u minn hemm ħarget proposta favur il-ko-edukazzjoni biex il-bniet ikollhom opportunitajiet edukattivi ugwali.




It-tpinġijiet ta' John Baldacchino, li kien jiffirma bħala "Ġwanni", wara kienu ġew stampati f'fuljett li konna bagħtna lill-membri kollha nisa tal-union. Kienu tpinġijiet effettivi li juru d-diffikultajiet tal-ħaddiema nisa f'Malta f'dak il-perjodu. Qiegħdin jigu hawn riprodotti bil-permess tiegħu.

"Għax ma tressaqx mozzjoni dwar dan fil-Konferenza Ġenerali" ssuġġeriet Marie Louise. Dlonk abbozzajt proposta u hi għenietni nsawwritha f'mozzjoni propja. Urietni t-triq kif stajt inressaqha fil-Konferenza f'isem iż-żgħażagħ tal-union. Kelli nitla' nitkellem fil-Konferenza Ġenerali fi żmien meta s-sala tal-union kienet tkun mifqugħa bin-nies. Jien bżajt ferm nindirizza udjenza bħal dik. Tgħallimt iżda li l-biżgħa toffrilek opportunita' biex tirkeb fuq il-mewġa tal-adrenalina ħalli tirnexxi.

Wasal il-jum u biex ngħeleb it-tensjoni qrajt id-diskors li kont ħejjejt minn qabel. Lid-delegati, li fil-maġġoranza assoluta tagħhom kienu irgiel bil-wisq akbar minni fl-eta, diskors femminista xejn ma daqqilhom tajjeb. "U mela x'nagħmlu!" tbaqbaq wieħed li aktarx li kien jaf lill-General Workers' Union titwieled. "Qed tipproponu ġennata. Tgħid ma rridx li ibni jitgħallem iħit! Mela tridu jsir pufta?!" ipprotesta bir-ragħwa f'ħalqu, bejn biex jiżżuffjetta u bejn għaliex hekk kien jemmen bis-sħiħ, minkejja fl-ebda ħin m'għedna li s-subien bilfors kellhom jitgħallmu jħitu. Id-delegati fis-sala għoxxew. Jien ridt l-art tiblagħni. Għalkemm kien hemm xi nisa oħra li tkellmu favur (fosthom Josephine Sultana li dak iz-zmien kienet ghadha shopsteward tal-Bluebell iżda wara għamlet snin tmexxi wahda mit-taqsimiet tal-union) konna ftit wisq fin-numru. Dak inhar, tagħna kienet l-unika mozzjoni li ma ġietx approvata.

Id-diżappunt din id-darba ma damx ma nbidel f'enerġija akbar biex, fejn jidħol id-drittijiet, nkompli nisħaq f'kull okkazzjoni li nqalgħet fil-bqija ta' ħajjti. Illum nista' ngħid li kelli x-xorti nara l-ko-edukazzjoni tidħol fl-iskejjel, lit-tfajliet jibbrillaw fil-qasam edukattiv b'mod li 59% tal-gradwati huma nisa, l-omosesswali jakkwistaw drittijiet ta' persuni sħaħ, u jekk jixtiequ l-irgiel jistgħu jħitu mingħajr mistħija.

F'żgħożiti kont ħsibt li s-sentejn tal-apprentistat kienu ż-żmien tal-battalji mitlufa, imma llum nifhem kemm dan kien żmien li sawwruni. Għalkemm ma ħdimtx fil-kamra tal-aħbarijiet, tħarriġt xorta fis-sengħa tal-kitba permezz ta' ħafna artikli, uħud f'ismi, uħud bi pseudonomu, fejn ingħatajt appoġġ u kritika kostruttiva, minkejja li kultant ħarxa, minn staff editorjali simpatizzanti.

Jien ma domtx ma ftakart li t-tredunjonismu ma kienx il-missjoni tiegħi. Komplejt bl-istudji akkademiċi u minkejja l-intoppi rnexxili nsib impieg fil-ġurnaliżmu bnadi oħra. Wara numru ta' snin intbaħt ukoll li l-ġurnaliżmu mhux dejjem ikun avventura eccitanti bħal ta' dak li mar jixxabbat ma' Everest.

Maż-żmien rajt lil Marie Louise tissaħħaħ fl-istatura politika tagħha hekk kif jien bqajt insegwi l-politika bħala osservatur fil-media u fil-kamp akkademiku. Nagħraf li l-politika hija avventura mimlija tlajja u nżula u li minkejja dak li jemmnu x-xettiċi, naf li karriera politika teħtieġ impenn tremend u ħafna sagrifiċċju personali. In-nisa għadhom sal-lum sotto-rappreżentati fil-Parlament u dellhom aktarx hu itqal minn ta' ragel. Marie Louise dejjem għelbet l-intoppi b'ħidma sfieqa u b'impenn u passjoni, karatteristici li dehru wkoll meta b'mod misthoqq lahqet il-quċċata tal-karriera tagħha bħala Kap ta' Stat. Meta nħares lura, jien naf li fost dawk li b'mod pożittiv żewwqu il-korsa tal-ħajja tiegħi hemm hi.